# IL-QANPIENA

Ġunju 2010 | Parroċċa Sant'Elena - Birkirkara | Ħarġa Numru: 348

## INSELLMILKOM



Il-Prepostu - Dun Anton Cassar

### X' ifisser li s-Saċerdot hu kkonsagrat?

Nhar it-23 ta' Ġunju 2010 bin Birkirkara d-Djaknu Noel Borg se jiġi ordnat saċerdot. Meta xi ħadd jħoss li Alla l-Imbierek sejjaħlu, il-mistoqsija ovvja tkun u din ħassejtha jien u naħseb li jħossha kull persuna msejħa, "Għaliex jien Mulej? Il-għala għażilt lili?"

Ma jkunx hemm tweġiba, ħlief li Alla għandu bżonnok biex tkun ministru Tiegħu. Dan ifisser li s-saċerdot irid jagħti ħajtu biex tkun skond il-qalb ta' Ġesu'. Ikun konsagrat lil Alla.

Fil-Vanġelu nsibu li Ġesu' jgħid li hu ġie kkonsagrat biex jagħti jagħti l-Bxara t-Tajba lill-bnedmin, d-dawl lil min ma jarax, ħelsien lil imjassrin. Ġesu' ġie kkonsagrat biex jagħtina s-salvazzjoni lilna l-bnedmin. Aħna l-Insara ġejna kkonsagrati biex din l-esperjenza ngħadduha lil ħaddieħor. Għalhekk San Pawl jgħid "saltna ta' qassisin."

Issa aħna s-saċerdoti ġejna kkonsagrati fil-ministeru Tiegħu fil-poplu ta' Alla. Mela s-saċerdozju ministerjali għandu d-dmir li huwa jħeġġeġ, janima, jagħti l-grazzja lil poplu magħżul biex jgħix din il-missjoni. Din hi responsabbilta' kbira, għaliex is-saċerdot irid jkun bħal Mulej Ġesu'.

Nitlobkom u nħeġġiġkom biex titolbu lil Mulej għalina ilkoll; ħalli din il-missjoni tant importanti nwettquha bil-fedelta u bil-qawwa kollha.

Tislijiet u talb.

***Dun Anton***

---

***Il-Kapitlu Elenjan u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali jifirħu lill-President, Diriġenti, Coach u l-players ta' Birkirkara Football Club fir-rebħ tal-BOV Kampjonat sena 2009-2010.***

**UFFIĊĊJU PARROKKJALI**

4 Triq is-Santwarju
Birkirkara BKR 2304

Tel. 21444725
Fax. 21445540
sthelenparish@gmail.com
www.bazilkasantelena.com

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa

Fil-għodu 10.00 - 11.45
Fil-għaxija 5.00 - 7.00

**Prepostu Arċipriet:**
Dun Anton Cassar

**Viċijiet:**
Kan Dun Michael Borg
Kan Dun Charles Gauci

**Fil-Bażilka**
**Qrar:**
**Is-Sibt:** mill-3.45pm 'l quddiem
**Il-Ħadd:** Fil-għodu u fil-għaxija, bejn kull Quddiesa. (Sagristija).

CASA ANTONIA

Residential and Nursing Home
Pope Alexander VII Junction
Balzan BZN 02

**Informazzjoni:**
Tel: 21470677/8
Fax: 21496278
Website:
www.casa-antonia.com.mt
email:
info@casa-antonia.com.mt

John Tonna
Tel: 21440146

# Kalendarju Liturġiku ĠUNJU

| | |
|---|---|
| **L-Erbgħa 02** | Ħarġa għan-Nisa. Biljetti minn għand Jane Aquilina Tel:21 488 845<br>**7.00pm Santwarju Tal-Ħerba:** Quddiesa mmexxija mir-Rettur tas-Santwarji Marjani Ara l-programm f'paġna 5. |
| **Il-Ħamis 03** | **7.00pm Bażilika:** Adorazzjoni mmexxija mill-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin. |
| **Il-Ġimgħa 04** | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:** Adorazzjoni **San Pawl fis-6.30pm Tal-Ħerba fit-8.00pm** |
| **Is-Sibt 05** | **4.30pm Tal-Ħerba**: **Ċelebrazzjoni Marjana** u fil-**5.00pm Quddiesa** b'suffraġju ta' dawk li mietu f'Mejju<br>**4.30pm Bażilika:** Vespri Prepositali tal-Festa ta' Corpus Domini. |
| **Il-Ħadd 06** | **Festa tal-Ġisem u Demm ta' Ġesu'**<br>**Bidu tal-Ġimgħa Ewkaristika** ara paġna 3. |
| **L-Erbgħa 09** | **7.00pm Santwarju tal-Ħerba:** Quddiesa mir-Retturi tas-Santwarji Marjani ara paġna 5. |
| **Il-Ġimgħa 11** | **Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'** ara paġna 3.<br>**Għeluq tas- Sena tas-Saċerdoti**. |
| **Is-Sibt 12** | **Il-Qalb bla Tebgħa ta' Marija.**<br>**Bidu tal- VIŻTA PASTORALI ta' Mons Arċisqof Pawlu Cremona O.P fil-Parroċċa ta' Santa Elena. Ara paġni 6 u 7.**<br>**5.00pm Bażilika: Quddiesa flok fil-5.30pm**<br>**F<u>is-6.30pm</u> Nilqgħu fostna lil Mons Arċisqof u nagħtuh merħba. Hu jqaddes hawn fostna. Nħeġġu li dak inhar il-Parroċċa kollha jekk jista' jkun, tkun preżenti.**<br>**Wara Mons. Arċisqof ser jiltaqa' wieħed wieħed ma' dawk preżenti.** |
| **Il-Ħadd 13** | **Festa ta' Marija Għajnuna ta' l-Insara fl-Oratorju**.<br>**Ara paġna 4.** |
| **It-Tlieta 15** | **9.30am** Tluq bil-minibus għaż-Żjara lil Karkariżi ġewwa San Vinċenz de Paule. |
| **Il-Ħamis 17** | **7.00pm Bażilika**: Adorazzjoni mmexxija mill-Lega Riparatriċi |
| **Il-Ħadd 20** | **Jum il-Missier**<br>**4.30pm Bażilika** Jingħata is-Sagrament tal-Magħmudija. |
| **It-Tnejn 21** | **7.00pm Kripta**: Quddiesa b'suffraġju tal-Missirijiet mejtin. |
| **L-Erbgħa 23** | **Fil-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta**:<br>**6.00pm Ordinazzjoni Saċerdotali tad-Djaknu Noel Borg**. Waqt li nitolbu għalih aħna nifirħulu u nawgurawlu ħidma fejjieda fl- għalqa tal-Mulej. |
| **Il-Ħamis 24** | **7.00pm Bażilika**: Adorazzjoni mmexxija mis-Sorijiet tal-Parroċċa. |
| **Is-Sibt 26** | **Jum kontra l-Abbuż u traffikar tad-Droga** |
| **Il-Ħadd 27** | **Fil-Weekend issir il-Ġabra għall-Karita tal-Papa.** |
| **It-Tlieta 29** | **Festa ta' San Pietru u San Pawl** |
| **L-Erbgħa 30** | **7.00pm Santwarju tal-Ħerba**: Quddiesa mir-Rettur tas-Santwarji Marjani ara paġna 5. |

# Ġimgħa Ewkaristika

**Il-Ħadd 06 ta' Ġunju - Festa ta' Corpus Domini**

| | | |
|---|---|---|
| 9.15am | | Quddiesa Konċelebrata. |
| 10.30am | | Purċissjoni li tgħaddi mill-Pjazza, Triq Santu Rokku, Triq l-Imsida, Triq il-Kbira, Triq S. Elena u l-Pjazza. |

**It-Tnejn 07 ta' Ġunju**

| | | |
|---|---|---|
| 9.30am | 10.00am | Tfal tal-Iskola St. Francis. |
| 10.15am | 11.15am | Grupp ta' Talb għall-Vokazzjonijiet. |
| 11.30am | 12.00pm | Adorazzjoni libera. |
| 4.45pm | 5.30pm | Legion of Mary. |
| 5.45pm | 6.30pm | Grufan. Adorazzjoni u Rużarju. |
| 6.30pm | | Quddiesa u Adorazzjoni mmexxijja minn Patri Gwardjan Tonio Mifsud O.F.M.Conv.u l-Komunita' ta'Paris u tal-Qattus. |

**It-Tlieta 08 ta' Ġunju**

| | | |
|---|---|---|
| 9.30am | 10.00am | Tfal tal-Iskola St. Francis. |
| 10.15am | 11.00am | Kummissjoni Djakonija. |
| 11.15am | 12.00pm | Żona tal-Vitorja mmexxijja minn Kan Dun Charles Gauci. |
| 4.45pm | 5.30pm | Grupp tal-Fergħa Ewkaristika. |
| 5.45pm | 6.30pm | Grupp tar-Romol. Adorazzjoni u Rużarju. |
| 6.30pm | | Quddiesa u Adorazzjoni mmexxija mir-Rettur Patri Stephen Mifsud MSSP u l-Komunita' ta' l-Oratorju. |

**L-Erbgħa 09 ta' Ġunju**

| | | |
|---|---|---|
| 9.00am | 10.00am | Quddiesa u Adorazzjoni Libera. |
| 10.00am | 11.00am | Lega Riparatriċi u Kongregazzjoni Marjana. |
| 11.00am | 12.00pm | Din għall-Adorazzjoni individwali. |
| 5.00pm | 5.30pm | Grupp Fokolarini. |
| 5.45pm | 6.30pm | Kummissjoni Familja. Adorazzjoni u Rużarju. |
| 6.30pm | | Quddiesa u Adorazzjoni mmexxijja mill-Komunitajiet Neo-Katekumenali. |

**Il-Ħamis 10 ta' Ġunju**

| | | |
|---|---|---|
| 9.00am | 10.00am | Quddiesa u Adorazzjoni Libera. |
| 10.00am | 11.00am | Grupp Anzjani. |
| 11.15am | 12.00pm | Għaqda Ommijiet Insara. |
| 5.00pm | 5.30pm | Museum Xebbiet u ġuvintur. **Laqgħa ta' Talb għat-Tfal.** |
| 5.45pm | 6.15pm | Azzjoni Kattolika Irġiel, Nisa u Xebbiet. |
| 6.30pm | | Quddiesa u Adorazzjoni mmexxijja mis-Saċerdoti tal-Parroċċa. |

**Il-Ġimgħa 11 ta' Ġunju - Festa tal-Qalb ta' Ġesu' – Għeluq is-Sena tas-Sa'erdozju**
Adorazzjoni l-jum kollu mid-9.30am sas-6.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| 9.00am | 10.00am | Quddiesa u Adorazzjoni Libera. |
| 10.00am | 10.45am | Grupp Helpers Nisa. |
| 11.00am | 12.00pm | Kummissjoni Spiritwalita'. |
| 12.00pm | 3.00pm | Adorazzjoni Individwali (Ministri Straordinarji tat-Tqarbin u oħrajn). |
| 3.00pm | 4.00pm | Grupp ta' Talb u Xirka tal-Isem Qaddis t'Alla. |
| 4.15pm | 5.00pm | Komunitajiet ta' Sorijiet. |
| 5.15pm | 6.00pm | Grupp tal-Armar u ħbieb tat-Tempju. |
| 6.00pm | | Rużarju mill-membri tal-Fratellanzi. |
| 6.30pm | | Quddiesa Konċelebrata u wara Purċissjoni li tgħaddi minn dawn it-toroq: il-Pjazza, Triq S. Elena, Triq il-Kbira, Triq Brared, Triq Anġlu Mallia, Triq il-Wied, Triq Santu Rokku, Triq l-Imsida, Triq il-Kbira, il-Pjazza. Wara l-Purċissjoni jsir it-Tiġdid tal-Konsagrazzjoni lil Qalb ta' Ġesu' u Ċelebrazzjoni Ewkaristika fuq iz-zuntier tal-Bażilka. |

**Infakkru**

**Ir-residenti tat-toroq fejn ser jgħaddu l-Purċissjonijiet ta' Corpus (il-Ħadd 06 ta' Ġunju) u tal-Qalb ta' Ġesu' (il-Ġimgħa 11 ta' Ġunju) huma mitluba biex ma jħallux karozzi pparkjati u biex iżejnu t-toroq u l-gallerijji bil-ward, dawl u bil-qsari. Nimxu lkoll bid-devozzjoni wara Ġesu' Sagramentat.**

**It-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina huma mħeġġa li jakkompanjaw u jġibu qfief jew containers bil-ward biex jitfgħuhom waqt il-purċissjoni.**

# Festa ta' Marija Għajnuna ta' l-Insara fl-Oratorju

*Programm mill-5 ta' Ġunju sal-Ħadd 13 ta' Ġunju 2010*

| | |
|---|---|
| **Sibt 5 Ftuħ tal-Festa** | |
| 6.00pm | Quddies mid-Direttur Fr Stephen Mifsud MSSP |
| **Tnejn 7** | |
| 6.00pm | Quddiesa organiżżata mit-tfal u Sports Day |
| **Tlieta 8** | |
| 6.00pm | Quddies b'Katekeżi fuq Ruth (Fr.Martin Cilia MSSP) |
| **Erbgħa 9** | |
| 6.00pm | Quddies b'Katekeżi fuq Ġuditta (Fr.Martin Cilia MSSP) |
| **Ħamis 10** | |
| 6.00pm | Quddies b'Katekeżi fuq Ester (Fr.Martin Cilia MSSP) |
| **Ġimgħa 11** | **Qalb ta' Ġesu** |
| 4.00pm | Adorazzjoni fis-skiet |
| 5.30pm | Adorazzjoni immexxija minn Fr. Stephen Mifsud MSSP |
| 6.00pm | Quddies ċċelebrata Fr. Tony Sciberras MSSP |
| 7.30pm | Quddies għaż-żgħażagħ ċċelebrata minn Fr.John Berry |
| **Sibt 12** | |
| 6.00pm | Quddiesa bit-transulazzjoni mill-Provinċjal tal-MSSP, Fr. Louis Mallia |
| 7.00pm | Tibda serata ta' divertiment għall familji kollha fil-bitħa tal-Oratorju, b'kant, mużika, żfin u ikel. |
| **Ħadd 13** | |
| 8.00am | Jiċċelebra l-quddiesa il-Prepostu Kan. Anton Cassar. |
| 6.30pm | Quddiesa tal-Festa iċċelebrata mill-Isqof Em. Ġużeppi Mercieca u wara, purċissjoni bil-Madonna fil-ground b'attivita mtellgħa miż-żgħażagħ tal-Oratorju. |

---


## Anġolini Summer Club

*A rich summer experience through a child friendly programme with an emphasis on having fun through various activities and excursions.*

**Ages: 4 - 10 years**

**12 July - 3rd September 2010**

**Call on: 7932 7070**

angoliniclub@gmail.com

***Held at: 'Pama Hall'***

***Triq Dun Karm***

***Birkirkara (By Pass)***

# Programm ta' attivitajiet Konnessi maċ-Ċentinarju tal-Inkurunazzjoni tax-Xbieha tal-Madonna tal-Ħerba għax-xahar ta' Ġunju



| | |
|---|---|
| **26 Mejju -** | **L-Erbgħa** |
| **7.00pm** | **Omm u Medjatriċi tal-Grazzji -** Quddiesa tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar. |
| **31 Mejju -** | **It-Tnejn** |
| | Festa taż-Żjara ta' Sidtna Marija lil Eliżabetta – tingħad it-talba taċ-Ċentinarju. |
| **2 Ġunju -** | **L-Erbgħa** |
| **7.00pm** | **Marija Dixxiplu tal-Mulej.** Quddiesa mir-Retturi tas- Santwarji Marjani: Madonna ta' San Luqa Katidral Imdina; Santa Marija tal-Għar Dumnikani u Madonna tas-Saħħa Franġiskani Conv. Rabat. |
| **5 Ġunju -** | **Is-Sibt** |
| **4.30pm** | Ċelebrazzjoni Marjana ta' l-Ewwel Sibt tax-xahar u Quddiesa. |
| **9 Ġunju -** | **L-Erbgħa** |
| **10.00am** | **Laqgħa ta' Talb fis-Santwarju.** |
| **7.00pm** | **Marija Sultana tal-Familja.** Quddiesa mir-retturi tas- Santwarju Marjan: Santa Marija Knisja Arċipretali, il-Mosta. |
| **16 Ġunju -** | **L-Erbgħa** |
| **7.00pm** | **Marija Omm u Għalliema Spiritwali** Quddiesa mir-rettur tas-Santwarju Marjan: It-Twelid tal-Verġni Marija, il-Melllieħa. |
| **30 Ġunju -** | **L-Erbgħa** |
| **7.00pm** | **Marija Sultana tal-Paċi -** Quddiesa mir-Rettur tas-Santwarji Marjani: Santa Marija - Katidral Victoria; Madonna ta' Pinu; Viżitazzjoni l-Għarb; Immakulata Kunċizzjoni Qala Għawdex. |
| **3 Lulju -** | **Is-Sibt** |
| **4.30pm** | Ċelebrazzjoni Marjana ta' l-Ewwel Sibt tax-xahar u Quddiesa. |
| **5 Lulju -** | **It-Tnejn** |
| **7.00pm** | **Santwarju:** Konferenza min-Nunzju Appostoliku Mons. Tommaso Caputo dwar Spiritwalita' Marjana. ***Il-Konferenza ssir bl-Ingliż.*** |

---

## *Summer Club*

*Għas-subien u bniet mid-9 snin sa 13-il sena*
*Fiċ-Ċentru Pastorali Parrokkjali St. Elena,*
*Darbtejn fil-ġimgħa mid-9am sa nofsinhar.*
*Għal aktar informazzjoni u sabiex tinkitbu irrikorru fl-Uffiċċju Parrokkjali.*

## L-Ewwel Viżta Pastorali ta' Mons. Arċisqof Pawlu_ Cremona O.P. fil-Parroċċa ta' Santa Elena B'Kara minn nhar is-Sibt 12 ta' Ġunju sal-Ġimgħa 2 ta' Lulju.

***X'inhi l-Viżta Pastorali?***
Fil-Viżta Pastorali Mons Arċisqof fuq l-eżempju ta' Ġesu' Kristu, bħala ir-ragħaj it-tajjeb iżur r-realtajiet tal-Arċidjoċesi ta' Malta. Hu sinjal tal-preżenza tal-Mulej li jżur il-poplu tiegħu. Il-Knisja trid li Mons. Arċisqof jagħmel viżta lill Arċidjocesi kollha. Jiltaqa' mar-realtijiet kollha, parroċċa, għaqdiet u skejjel.
***Għalfejn ser issir il-viżta pastorali fl-Ar'idjocesi?***
Żewġ raġunijiet:
1. Sabiex Mons. Arċisqof ikun qalb l-operaturi pastorali u nies tal-Parroċċa. Ikun preżenti, jismagħhom, isaħħaħhom fil-fidi u jagħti enerġija.
2. Issir evalwazzjoni tal-ħidma fil-Parroċċa u wieħed iħares il-quddiem biex tissaħħaħ il-ħidma li qed issir skond is-Sinodu u l-ħsieb tal-Knisja.
***X'forma tieħu?***
Mons Arċisqof fil-każ tagħna se jqatta' 15- il ġurnata fostna.
***Kif ser ikun il-ftuħ u l-għeluq tal-Viżta Pastorali?***
Il-Viżta tibda b'quddiesa għal kulħadd nhar is-Sibt 12 ta' Ġunju fis-6.30pm fil-Bażilika u tagħlaq bl-Assemblea il-Ħamis 1 ta' Lulju. Jieħdu sehem l-Għaqdiet, l-Operaturi Pastorali u kull min jixtieq jattendi.
***X'ser ikun il-programm ta' Mons. Ar'isqof fil-Parroċċa tagħna?***
Laqgħat ta' animazzjoni u kuntatt mal-operaturi pastorali dwar x'qed isir u kif jista' jsir aħjar ma' diversi persuni residenti fil-parroċċa. Id-diskors ikun dwar l-andament tal-Parroċċa – suġġerimenti, kummenti. Dawn il-persuni ser jingħataw ħin biex ikellmuh.
***X'tip ta' laqgħat se jkollu l-Ar'isqof fil-Parroċċa?***
Minbarra l-Quddiesa tal-ftuħ u l-Assemblea Parrokkjali ser ikollu laqgħat ta' animazzjoni:
* Laqgħat mas-saċerdoti u reliġjużi residenti fil-Parroċċa
* Jiltaqa' mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali,
* Jiltaqa' mal-Kummissjonijiet - Kateketika ; Liturġija; Familja; Djakonija; Adolexxenti; Żgħażagħ. Laqgħat ta' kuntatt.
* Jiltaqa' mat-tfal fiċ-Ċentri Kateketiżi, iżur l-Iskola Primarja, iżur numru ta' morda, laqgħat mas-Soċjetajiet Ċiviċi u jkollu ħin biex jisma' lil kull min irid ikellmu.
***Kif ser issir l-Evalwazzjoni tal-Ħidma Pastorali fil-Parroċċa?***
Qabel il-viżta d-delegati se jagħmlu kuntatt mad-diversi entitajiet u jaraw x'inhi r-realta' tal-Parroċċa. Iħejju rapport b'dak li hu pożitiv u d-diffikultajiet u l-proposti fid-dawl tas-Sinodu Djoċesan u jippreżentawh lil Mons Ar'isqof qabel iż-żjara. Ser jiġu trattati dawn is-sitt oqsma:
Il-bini tal-komunita' – Katekeżi – Liturġija - Djakonija; il-Familja; l-Adolexxenti/ Żgħażagħ. Barra dawn ser jiddiskutu l-aspett amministrattiv tal-Parroċċa.
Wara jkun hemm 'follow up' fuq dak li ħareġ mill-viżta nnifisha. Jingħataw punti biex titjieb il-ħidma pastorali fil-Parroċċa.
***Ser ikun hemm tema li tkun ta' ispirazzjoni għall-Viżta Pastorali?***
It-tema li Mons. Arċisqof għażel hi dik l-istess tal-Pjan Pastorali u Żjara Pastorali: "**Meta nintrefa' 'l fuq mill-art jiena niġbed il-bnedmin lejja.**"
***Kif għandna nħejju ruħna għal din il-Viżta Pastorali?***
Inħejju qabel xejn biex tħalli frott meħtieġ, laqgħat ta' spiritwalita' u talb – laqgħat ta' preparazzjoni mill-Operaturi pastorali u avviżi; ser ssir 'clip' li jintwera qabel il-quddies kollu tal-Parroċċa – jingħata tagħrif dwar min hu l-Isqof, xi tfisser il-Knisja eċċ.
***Xi frott għandha tħalli il-viżta Pastorali fil-Parroċċa?***
Għandha tgħin lil Parro"a tagħraf lilha nnifisha fiż-żminijietna u tkun parti minn ċentru ta' Evanġelizazzjoni llum.

## *Dati Importanti*

***Is-Sibt 12 ta' Ġunju fis-6.30pm fil-Bażilika.***
***Il-Ħamis 1 ta' Lulju fis-7.30pm***
***L-Għeluq tal-Viżta Pastorali - Assemblea Parrokkjali fis-Sala ta' fuq ta'-Ċentru Pastorali Parrokkjali Santa Elena.***

## Programm

| | | |
|---|---|---|
| Ġimgħa 4 | 11.30 | Jiltaqa' mal-Prepostu fil-Kurja Floriana. |
| Sibt 12 | 18.30 | Iqaddes fil-Bażilika Kolleġġjata u wara jiltaqa' man-nies. |
| Ħadd 13 | 11.00 | Jiltaqa' mal-membri tas-Soċjeta' Ċivili fis-Sala ta' fuq ta'-Ċentru Pastorali Parrokkjali. |
| Tlieta 15 | 18.00 | Kummissjoni Liturġija fis-Sala t'isfel taċ-Ċentru Pastorali Parrokkjali. |
| | 19.15 | Kummissjoni Familja fis-Sala ta' fuq taċ-Ċentru Pastorali Parrokkjali. |
| Ħamis 17 | 09.00 | Skola Primarja tal-Kulleġġ Santa Tereża. |
| | 17.00 | Museum Femminili B - Vitorja - jiltaqa' mat-tfal. |
| | 18.15 | Jiltaqa' man-nies individwali fiċ-Ċentru Pastorali Parrokkjali. |
| Tnejn 21 | 17.00 | Museum Femminili A -Brared jiltaqa' mat-tfal. |
| Tlieta 22 | 10.00 | Jiltaqa' mas-Saċerdoti individwali fiċ-Ċentru Pastorali Parrokkjali. |
| | 16.15 | Iżur lir-residenti ta' Dar Pirotta. |
| | 17.45 | Iżur il-Museum Maskili fi Sqaq Nannuwa.Jiltaqa' mat-tfal. |
| | 19.00 | Kunsill Pastorali Parrokkjali; Kummissjoni Implementazzjoni tas-Sinodu; Kumitat Ekonomiku Parrokkjali,fis-Sala ta' fuq taċ-Ċentru. |
| Ħamis 24 | 09.00 | Jiltaqa' mas-Saċerdoti individwali fiċ-Ċentru Pastorali Parrokkjali. |
| | 11.30 | Jiltaqa mas-Saċerdoti flimkien u jiekol magħhom fiċ-Ċentru Pastorali Parrokkjali. |
| | 17.00 | Museum Femminili C - Ta' Paris Jiltaqa' mat-tfal. |
| | 18.15 | Kummissjoni Djakonija fis-Sala t'isfel ta'-Ċentru Pastorali Parrokkjali. |
| | 19.30 | Kummissjoni Katekeżi fis-sala ta' fuq taċ-Ċentru Pastorali Parrokkjali. |
| Ġimgħa 25 | 19.00 | Kummissjoni Adoloxxenti Żgħażagħ fis-Sala t'isfel ta'-Ċentru Pastorali Parrokkjali. |
| | 19.45 | Adolexxenti u żgħażagħ fis-Sala ta' fuq taċ-Ċentru Pastorali Parrokkjali |
| Sibt 26 | 16.15 | Jiltaqa' mal-Komunita' tas-Sorijiet Franġiskani. |
| | 18.00 | Iqaddes fl-Oratorju S. Duminku Savio u jiltaqa' man-nies |
| | 20.00 | Jiltaqa' mal- Komunita' Reliġjuża MSSP u jiekol magħhom. |
| Ħadd 27 | 11.00 | Iqaddes fil-Knisja S. Franġisk u jiltaqa' man-nies. . Jiltaqa' mal-Komunita' Reliġjuża tal-Patrijiet Franġiskani u jiekol magħhom. |
| Ħamis 01(Lulju) | 16.45 | Iżur Ċentru Katekeżi Oratorju S. Duminku Savio jiltaqa' mat-tfal |
| | 18.15 | Iżur lir-Residenti ta' Dar Qawsalla. |
| | 19.30 | Assemblea Parrokkjali fis-Sala ta' fuq taċ-Ċentru Pastorali Parrokkjali. |
| Ġimgħa 02(Lulju) | 16.30 | Iżur l-Istitut San Franġisk de Paule Day Centre - jiltaqa' mat-tfal. Iżur il-Komunita' tas-Sorijiet Missjunarji ta' Ġesu' Nażżarenu. |


**Maths Revision Lessons**

Form 3 Students preparing For Form 4

**Birkirkara (Central Area)**

**Tel: 21 499 409**

**Mob: 99 660 024**


## Bazaar

**Għaddej is-sena kollha b'riżq il-Ħidma Pastorali.**

**Fejn? Ħdejn il-Knisja ta' S. Rokku**

**Issibu: Kotba Reliġju¿i u souvenirs.**

**Kif nista' ngħin?: Jekk għandek oġġetti ġodda li ma tużahx – ġibhom il-Knisja ta' S. Rokku.**

*"Il-Mulej iħobb lil min jagħti bil-qalb." San Pawl.*

.

# *Mill-ħajja tal-Parroċċa*

## April

**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:**

Dimech Roderick - Balzan Anuschka;
Zammit Johann - Schembri Stephanie;
Marmara Keith - Jacono Carolyn;
Borg Neville - Inguanez Monique;
Ciancio Ivan - Debono Janet;
Gatt Mario - Mallia Roseanne.

**Issieħbu fil-Knisja permezz tal-Magħmudija:**

Ylena Falzon; Laura Bonello; Mariah Montanaro; Caroline Psaila; Mikayla Tamara Borg; Elisa Attard; Sefora Blandini; Ryan James Borda; Gwen Fenech; Denzel Abdilla; Naomi Aquilina; Thomas Saliba; Tamsin Mae Abela; Chanaya Debono; Alexander Galea; Leah Edwards.

**Ingħaqdu mal-Mulej fil-Mistrieħ ta' Dejjem:**

John Spiteri; Anthony Debono; Elena Delicata; Antonia Ceci; Helen Sciberras; Theresa Fenech; Michael Caruana; Vincent Deidun;Rosa Maria Borg; Joseph Caruana.

## Suffraġji

* L-**Aħwa Debono** joffru €5.00 b'suffraġju tal-għażiż missierhom **Salvu Debono** fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier.
* **Maria Mifsud** toffri €5.00 b'suffraġju tal-għeżież tagħha **Angelo Mifsud; Joseph Pisani, Anthony Pisani u n-nanniet** fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier.
* **Josianne Borg u Jeanette Brimmer** joffru €10.00 b'suffraġju tal-għażiż missierhom **Amabile Borg** fl-Okkażjoni ta' Jum il-Missier.
* **Helen Zammit** toffri €5.00 b'suffraġju tal-għażiż żewgha **Frans** u l-għażiż binha
* Il-familji **Mamo, Borg u Debono** joffru €5.00 b'suffraġju tal-għażiża tagħhom **Lady Margaret Mamo** li tagħlaq 8 snin mejta fil-25 ta' Ġunju.
* **Margaret Cauchi** toffri €10 b'suffraġju tal-għażiż żewġha **Carmel Cauchi** li għalaq sentejn li mar jiltaqa' mal-Mulej fit-8 ta' Mejju.
*__Helen Camilleri__ toffri €20.00 b'suffraġju tal-għeżież ġenituri tagħha **Carmena u Pawlu Mifsud.**
*__Guża Zammit__ toffri €5.00 b'suffraġju tal-għeżież ġenituri tagħha **Maria Concetta Sillato** li għalqet 9 snin mejta fis-7 ta' Mejju u **Joseph Sillato** li għalaq 8 snin mejjet fis-17 ta' April.

## Ħbieb

Margaret Cauchi; Terry Gauci; Gina Cacciattolo.
€4.31 permezz ta' Carolina Debono.
€10.00 minn Triq Għar il-Ġobon permezz ta' Ġu¿a Xuereb.
€2.00 minn Dun Perin Lane permezz ta' Ginnie Grech.

LAURENS WATCHES

**G.B. JEWELLERY**
GEORGE BUSUTTIL
451, Fleur-de-lys Road, B'Kara - Tel: 21 499 679

LORENZ WATCHES